



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0350/2013

23.10.2013

RAPPORT

dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
(2012/2308(INI))

Komitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Ashley Fox, Gerald Häfner

RR\1007764MT.doc

PE513.103v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

PR_INI

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	8
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET	17

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (2012/2308(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 232 u 341 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Protokoll 6, anness mat-Trattati, dwar is-siti tas-sedi tal-istituzzjonijiet u ta' ċerti entitajiet, uffiċċji, aġenziji u dipartimenti tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 10, 14 u 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dikjarata tiegħu dwar dawn il-kwistjonijiet, b' mod partikolari fir-rakkomandazzjoni tiegħu mill-21 ta' Ġunju 1958, ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 1981 li tadotta r-Rapport Zagari, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu għall-Konferenza Intergovernattiva tat-13 ta' April 2000, u r-riżoluzzjonijiet ta' akkompanjament tiegħu: ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titlu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (QFM) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inkluziva¹; id-deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew²; ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2013, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew, Taqsima II – Il-Kunsill, Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja, Taqsima V – Il-Qorti tal-Awdituri, Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Taqsima VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni, Taqsima VIII – L-Ombudsman Ewropew, Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, Taqsima X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna³; Ir-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2012 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2013⁴ u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz ta' Baġit 2013⁵,
- **wara li kkunsidra l-Mistoqsijiet bil-Miktub E-000181-2007, E-006174-2009, E-006258-2009, E-002934-2012, E-002935-2012, E-004134-2012 u E-004135-2012 lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,**
- wara li kkunsidra r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali ta' Settembru 2002 u Awwissu 2013 dwar l-ispiża għaż-żamma ta' tliet postijiet ta' ħidma,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-grupp ta' ħidma konġunt tal-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits dwar il-baġit tal-Parlament għall-2012,

¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0266.

² Testi adottati, P7_TA(2012)0155.

³ Testi adottati, P7_TA(2012)0050.

⁴ Testi adottati, P7_TA(2012)0109.

⁵ Testi adottati, P7_TA(2012)0289.

- wara li kkunsidra r-rapporti ta' attività tiegħu għall-1993-1999, għall-1999-2004, l-2004-2009 u l-2009-2011,
 - wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ECJ), b'mod partikolari l-kawżi C-230/81¹, C-345/95² u l-kawżi magħquda C-237/11 u C-238/11³,
 - wara li kkunsidra l-petizzjoni 630/2006 mill-kampanja Sede Waħda, li ġiet approvata minn aktar minn miljun ċittadin Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-votazzjoni li saret fil-plenarja fit-23 ta' Ottubru 2012, li fiha maġġoranza (78 %) tal-Membri tagħha talbu lill-Istati Membri jirvedu l-fehma tagħhom dwar il-kwistjoni ta' Strasburgu bħala s-sede uffiċjali tal-Parlament;
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 5(3), 29, 41, 48, 74a, 201 u 202(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A7-0350/2013),
- A. billi l-Artikolu 341 TFUE jistabbilixxi li s-sede tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita bi ftehim komuni tal-gvernijiet tal-Istati Membri;
- B. billi l-Istati Membri għamlu dan fil-Protokoll 6 anness mat-Trattati, bl-istabbiliment ta' Brussell bħala s-sede tal-Kummissjoni, il-Kunsill (bil-laqgħat tiegħu jsiru fil-Belt tal-Lussemburgu fix-xhur ta' April, Ġunju u Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, bl-istabbiliment tal-Belt tal-Lussemburgu bħala s-sede tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri u l-Bank Ewropew tal-Investment, bl-istabbiliment ta' Frankfurt bħala s-sede tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-istabbiliment ta' The Hague bħala s-sede tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija.
- C. billi d-deċiżjoni mill-Membri Stati dwar dawn is-sedi ntlaħqet fi ftehim usa', filwaqt li jitqies l-iżvilupp storiku tal-Unjoni Ewropea u tal-istituzzjonijiet tagħha kif ukoll tal-kunsiderazzjonijiet ta' dispersjoni ġeografika;
- D. billi l-Parlament Ewropew għandu rwol distint u uniku bħala l-unika istituzzjoni li hija eletta direttament miċ-ċittadini Ewropej u responsabbli lejhom, u peress li r-rwol tiegħu għadda mill-iktar bidliet sinifikanti fost l-istituzzjonijiet kollha, dan ir-rapport se jiffoka l-iktar fuq is-sede u l-arranġamenti tax-xogħol tal-Parlament Ewropew;
- E. billi l-Protokoll 6 anness mat-Trattati jistabbilixxi li l-Parlament għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strasburgu, fejn għandhom isiru 12-il perjodu ta' sessjonijiet plenarji, waħda għal kull xahar, inkluża s-sessjoni tal-baġit, li l-perjodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali għandhom isiru Brussell, li l-kumitati tiegħu għandhom jiltaqgħu fi Brussell, u li s-Segretarjat Ġenerali u d-dipartimenti tiegħu għandhom jibqgħu fil-Lussemburgu;

¹ Kawża C-230/81, il-Lussemburgu v il-Parlament.

² Kawża C-345/95, Franza v il-Parlament.

³ Kawżi C-237/11 u C-238/11, Franza v il-Parlament.

- F. billi l-Artikoli 10 u 14 tat-TUE jiddikjaraw li l-UE hija demokrazija rappreżentattiva bil-Parlament bħala r-rappreżentant dirett ta' ċittadini Ewropej u li bħala koleġislatur il-Parlament huwa f'livell ugwali mal-Kunsill;
- G. billi l-Artikolu 232 TFUE jippermetti lill-Parlament jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess li skont l-istess jista' jiddetermina t-tul tas-sessjonijiet plenarji, skont it-trattati u l-każistika tal-ECJ;
- H. billi l-ECJ iddikjarat li s-sit tas-sede ma għandux ifixkel il-funzjonament tajjeb tal-Parlament; billi ddikjarat ukoll li filwaqt li hemm żvantaġġi u spejjeż li jiżiedu minħabba l-fatt li hemm aktar minn post wieħed ta' ħidma, kull modifika tas-sede jew tal-post tal-ħidma titlob bidla fit-Trattat u, konsegwentement, il-kunsens tal-Istati Membri;
- I. billi l-Parlament għadda minn trasformazzjoni sħiħa, minn entità konsultattiva bi 78 membru sekondat li, l-aktar għal raġunijiet prattiċi, kienu jaqsmu l-faċilitajiet tagħhom mal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburg, għal Parlament bl-effetti kollha, elett direttament b'766 membru attwalment li illum huwa koleġislatur fl-istess livell mal-Kunsill;
- J. billi l-mod li bih kibret il-kapaċità leġislattiva jidher fiż-żieda fl-ammont ta' proċeduri ta' kodeċiżjoni (issa proċedura leġislattiva ordinarja) minn 165 fl-1993-1999 għal 454 fl-2004-2009, għal ammont saħansitra ikbar fil-leġislatura attwali;
- K. billi r-rwol tal-parlament, li qed jinbidel, huwa rifless ukoll fiż-żieda b'150 % ta' laqgħat interistituzzjonali, minn 16,000 għal tbassir ta' 40,000 bejn l-2009 u l-2013, u fin-negożjati u t-trilogi kostanti mal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-Istati Membri individwali, li issa jiffurmaw parti mill-proċess leġislattiv, u li wasslu għal żieda qawwija fl-ammont ta' ftehimiet li ntlaħqu fl-ewwel qari, minn 28 % fl-1999-2004 għal 72 % fl-2004-2009;
- L. billi l-istruttura tal-kalendarju tal-Parlament (iffissat fis-Summit ta' Edinburg fl-1992) kienet stabbilita qabel kull tibdil fir-rwol tiegħu li rriżulta mill-adozzjoni tat-Trattati ta' Maastricht, Amsterdam, Nizza u Lisbona;
- M. billi l-Kunsill u l-Kunsill Ewropew diġà kkonċentraw xogħolhom fi Brussell, fejn issa qed isiru l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew b'mod esklussiv – fejn qabel kienu jsiru fil-pajjiż tal-presidenza b'sistema ta' rotazzjoni;
- N. billi d-distanza ġeografika bejn is-sedi uffiċjali tal-entitajiet koleġislattivi – 435 km – tiżola lill-Parlament mhux biss mill-Kunsill u l-Kummissjoni, iżda wkoll minn partijiet oħra interessati, bħall-NGOs, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-Istati Membri u minn waħda mill-akbar komunitajiet ġurnalistiċi dinjin;
- O. billi l-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mid-dispersjoni ġeografika tal-Parlament ġew stmati li jammontaw għal bejn EUR 156 miljun u EUR 204 miljun¹, li huwa ekwivalenti

¹ Ir-rapport tal-2002 mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew hu l-aħħar stima komprensiva tal-kostijiet li huwa disponibbli. Il-firxa ta' EUR 169-240 miljun fis-sena, ikkonfermata mir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-2012 tal-Bureau u tal-Kumitat għall-Baġit, hija kkalkolata fuq il-bażi li l-istima ta'

għal madwar 10 % tal-baġit annwali tal-Parlament, filwaqt li l-impatt ambjentali huwa sinifikanti wkoll, fejn l-emissjonijiet CO₂ assoċjati mat-trasferiment lejn u mit-tliet sedi ta' ħidma huma stmati bejn 11 000¹ u 19 000 tunnellata²;

- P. billi l-arranġamenti attwali tax-xogħol tal-Parlament jimponu wkoll spejjeż u vvaġġar addizzjonali fuq l-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill, ir-rappreżentazzjonijiet tal-Istati Membri, il-ġurnalisti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili;
- Q. billi 78 % tal-vjaġġi ta' ħidma kollha li jsiru mill-persunal statutorju tal-Parlament (bħala medja, 3,172 kull xahar) huma kkawżati minn riżultat dirett tad-dispersjoni ġeografika tiegħu; billi filwaqt li l-binjiet tal-Parlament fi Strasburgu attwalment qed jintużaw biss għal 42 jum fis-sena (u jibqgħu mhux użati għal 89 % tal-ħin), jeħtieġ li jissaħħnu, li jkunu mimlija bil-persunal u li ssir manutensjoni tagħhom is-sena kollha;
- R. billi n-nefqa li tirriżulta mid-dispersjoni ġeografika tikkostitwixxi qasam importanti ta' ffrankar ta' finanzi potenzjali, partikolarment fil-klima ekonomika attwali;
- S. billi l-Parlament, mis-suġġeriment tiegħu tal-1958 li jiġi lokalizzat fil-qrib tal-Kunsill u l-Kummissjoni, ripetutament esprima, permezz ta' rapporti, dikjarazzjonijiet u stqarrijiet, ix-xewqa tiegħu favur arranġament tax-xogħol tiegħu aktar prattiku u effiċjenti;
- T. billi ċ-ċittadini tal-UE, inklużi aktar minn miljun ċittadin li approvaw il-petizzjoni għal sede waħda, esprimew ripetutament in-nuqqas ta' kuntentizza tagħhom bl-arranġamenti attwali;
- U. billi l-arranġamenti dwar id-dritt għall-awtonomija fl-organizzazzjoni tal-Parlament huma fost il-preokkupazzjonijiet ewlenin tas-sistema parlamentari;
- V. billi, minbarra l-kwistjonijiet diskussi f'dan ir-rapport, s'issa għadhom ma ssovwewx b'mod konvinċenti wkoll kwistjonijiet importanti oħra li huma direttament relatati mal-istatus tal-Parlament Ewropew u l-funzjoni tiegħu fi ħdan l-istruttura istituzzjonali tal-UE; billi dawn il-kwistjonijiet mhux riżolti huma relatati mal-liġi elettorali, regoli għal żona ħielsa minn protesti, kwistjonijiet ta' immunità u punti relatati mal-Istatut tal-Istati Membri; billi l-indirizzar ta' dawn il-punti għandu jew jitqies fil-qafas tad-dritt tal-Parlament għal awtonomija organizzattiva, eżerċitat fil-forma ta' setgħa ta' teħid ta'

EUR 148 miljun tkun ikkomplementata b'kost ta' ammortizzazzjoni annwali ta' EUR 28.3 miljun għall-binjiet ta' Strasburgu, li jeħtieġ li jitqiesu mix-xiri ta' dawk il-binjiet. F'risposta mogħtija mis-Segretarju Ġenerali nhar it-30 ta' Awwissu 2013 għat-talbiet magħmulin fil-Paragrafu 10 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit tal-2014, il-kostijiet addizzjonali tas-sede ta' Strasburgu huma stmati li jlaħħqu mal-EUR 103 miljun, li jammontaw għal total ta' EUR 156 miljun, meta jiżdiedu ammortizzazzjoni u l-istimi tal-ispazju mhux utilizzat bħalma huwa indikat fir-Rapport tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt mill-2012.

¹ 'It-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament Ewropew - l-impatt finanzjarju, ambjentali u reġjonali tad-dispersjoni ġeografika', nota mħejjija mis-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew fit-30 ta' Awwissu 2013 bħala risposta għat-talba magħmula fil-Paragrafu 10 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura tal-baġit tal-2014.

² 'European Parliament two-seat operation: Environmental costs, transport & energy', rapport imħejji minn Eco-Logica Ltd. għall-Ħodor/EFA, Novembru 2007.

deċiżjoni ġenerali, jew, għall-inqas, jinġieb fi ħdan l-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja abbażi tal-kodeċiżjoni;

1. Jemmen li l-Parlament Ewropew, bħala entità unika ta' rappreżentanza diretta taċ-ċittadini Ewropej, għandu jingħata l-prerogattiva li jiddetermina l-arranġamenti ta' ħidma tiegħu stess, inkluż id-dritt li jiddeċiedi fejn u meta jorganizza l-laqgħat tiegħu;
2. Jaqbel mal-prinċipju li l-Parlament Ewropew ikun aktar effettiv, effiċjenti fil-konfront tal-ispejjeż u jirrispetta l-ambjent jekk is-sede tkun f'post wieħed; jinnota li l-kontinwazzjoni tal-migrazzjoni ta' kull xahar bejn Brussell u Strasburgu saret kwistjoni simbolika negattiva fost bosta ċittadini tal-UE, li hu ta' detriment għar-reputazzjoni tal-Unjoni Ewropea, l-aktar fi żmien meta l-kriżi finanzjarja wasslet għal tnaqqis fl-infiq serju u iebes fl-Istati Membri;
3. Iqis li huwa perfettament leġittimu li jingħata bidu għal dibattitu dwar id-dritt tiegħu li jiddetermina l-arranġamenti ta' ħidma tiegħu stess, inkluż id-dritt li jiddeċiedi fejn u meta jiltaqa';
4. Jimpenja ruħu, għalhekk, li jagħti bidu għal proċedura ta' reviżjoni ordinarja tat-trattati skont l-Artikolu 48 TUE bil-ħsieb li jipproponi tibdil fl-Artikolu 341 TFUE u fil-Protokoll 6, meħtieġa biex jippermettu lill-Parlament jiddeċiedi l-ubikazzjoni tas-sedi u l-organizzazzjoni interna tiegħu;
5. Jiddeċiedi li ma jagħmilx rakkomandazzjonijiet rigward is-sedi tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE;
6. Jasserixxi li se jkun meħtieġ li l-impatti finanzjarji u ekonomiċi ta' bidla fis-sede jew fil-post ta' ħidma tal-Parlament Ewropew jiġu evalwati u li għandu jinstab bilanċ xieraq li bih jiġi żgurat l-użu kontinwu tal-bini eżistenti tal-Parlament Ewropew.
7. Jirrikonoxxi l-fatt li kwalunkwe deċiżjoni futura mill-Parlament dwar l-arranġamenti tax-xogħol tiegħu għandha tippermetti biżżejjed żmien għal dibattitu u riflessjoni, kif ukoll għal tranżizzjoni bl-ordni;
8. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri jew aġenzija indipendenti simili tipprovdi analiżi komprensiva tal-iffraġar ta' finanzi potenzjali għall-baġit tal-UE kieku l-Parlament kellu Brussell bħala l-unika sede tiegħu; jitlob li din l-analiżi tinkludi l-aspetti baġitarji u l-ispejjeż anċillari bħall-iffraġar li jsir permezz ta' telf tal-ħin tax-xogħol imnaqqas u tal-effiċjenza;
9. Jitlob lill-Amministrazzjoni tal-Parlament tikkummissjona lill-Eurobarometer, jew servizz ta' sħarriġ professjonali simili, imexxi, sal-1 ta' Jannar 2014, sħarriġ tal-opinjoni taċ-ċittadini Ewropej dwar il-prospett li jinżamm l-arranġament tax-xogħol tal-Parlament maqsum fi tliet sedi, filwaqt li jagħmel riferiment speċifiku għall-ispejjeż finanzjarji, ambjentali u ta' effiċjenza ta' dan l-arranġament;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill Ewropew u lill-kapijiet tal-istat u l-gvern u lill-parlamenti tal-

Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Introduzzjoni

Il-kwistjoni tas-sit tas-sedi tal-istituzzjonijiet Ewropej mhix waħda ġdida. Sa mill-ħolqien tal-predeċessuri tal-istituzzjonijiet tal-lum fl-1952 is-siti magħżula għas-sedi kienu soġġetti għal kompromess politiku delikat.

Dan ir-rapport, madankollu, se jiffoka l-iktar fuq is-sede tal-Parlament Ewropew, peress li għandu rwol uniku bħala l-unika istituzzjoni li hija eletta direttament miċ-ċittadini Ewropej u responsabbli lejhom, u peress li r-rwol tiegħu għadda mill-iktar bidliet sinifikanti fost l-istituzzjonijiet kollha sa mill-ħolqien tiegħu.

Meta titqies iż-żieda fil-kompetenzi u r-responsabilitajiet, b'mod partikolari bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li għamlet lill-PE koleġiżlatur kompletament ugwali għall-Kunsill, il-PE bidel b'mod sinifikanti l-istil u l-metodi tal-ħidma tiegħu. Kwistjonijiet ta' organizzazzjoni interna bħall-kalendarju tal-PE huma marbuta de jure mas-sede mill-formulazzjoni inflessibbli tal-Protokoll 6. U s-sentenzi tal-qorti dwar il-kalendarju fl-2012 juru li l-PE eżawrixxa l-possibilitajiet kollha ta' manuvra fi ħdan il-qafas legali attwali.

Ir-rapporteurs għaldaqstant waslu għall-konklużjoni li, sabiex jissodisfa l-funzjoni tiegħu li ġejja mit-trattati u mill-aspettattivi tal-elettorat tiegħu, il-Parlament jeħtieġ id-dritt li jorganizza lilu nnifso b'mod modern u adegwat, u għalhekk għandu jniedi proċedura ta' reviżjoni ordinarja tat-Trattati sabiex jemenda l-Artikolu 341 u l-Protokoll 6, biex il-Parlament jingħata d-dritt li jiddeċiedi huwa nnifso dwar kwistjonijiet marbuta mal-organizzazzjoni interna u l-kalendarju tiegħu, u konsegwentement is-sede tiegħu.

2. Il-qafas legali attwali tas-sedi tal-istituzzjonijiet tal-UE

Skont l-Artikolu 341 TFUE is-sedi tal-istituzzjonijiet jiġu “stabbiliti bi ftehim bejn il-Gvernijiet tal-Istati Membri”. L-Istati Membri għamli dan fil-Protokoll 6 anness mat-Trattati. Għall-PE huma ddeterminaw lil Strasburgu bħala s-sede u lil Brussell u l-Belt tal-Lussemburgu bħala postijiet tax-xogħol. Fl-1997 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ECJ) iddeċidiet (C-345/95) li d-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw is-sede jimplika li huma jistgħu jistabbilixxu wkoll in-numru ta' sessjonijiet plenarji li għandhom isiru fi Strasburgu.

Madankollu, it-Trattati jiddikjaraw ukoll li l-UE hija demokrazija rappreżentattiva biċ-ċittadini jiġu rappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew (Artikolu 10). Il-PE jeżerċita, b'mod konġunt mal-Kunsill, il-funzjoni leġislattiva u baġitarja fl-Unjoni (Artikolu 14). Huwa jista' jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess (Artikolu 232 TFUE) u jiddetermina t-tul tas-sessjonijiet plenarji. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sede u l-kalendarju fil-Protokoll 6 huma l-uniċi dispożizzjonijiet fit-Trattati li jillimitaw l-awtonomija u x-xogħlijiet interni tal-PE, li għaldaqstant jikkontradixxu l-loġika ġenerali tat-Trattati.

Fis-sentenzi tal-ECJ tal-1997 u l-2012 dwar il-PE, il-Qorti affermat mill-ġdid li l-ubikazzjoni tas-sede ma għandhiex ixxejjel il-funzjonament tajjeb tal-PE u ammettiet l-iżvantaġġi u l-ispejjeż ikkawżati mill-pluralità tas-sedi ta' ħidma, “spejjeż li huma iktar akuti fil-kuntest ta'

kriżi ekonomika” skont l-Avukat Ġenerali Mengozzi. Il-Qorti kkonfermat ukoll li kwalunkwe titjib fis-sitwazzjoni attwali jeħtieġ bidla fit-Trattat u għaldaqstant il-kunsens tal-Istati Membri.

Il-kwistjoni tas-sede, madankollu, mhijiex biss kwistjoni legali biss, iżda waħda ta’ leġittimità demokratika u responsabilità. Sar iktar u iktar diffiċli tispjega l-arranġamenti attwali liċ-ċittadini Ewropej u biex il-PE jeżerċita bis-sħiħ il-funzjonijiet demokratiċi tiegħu.

3. L-iżvilupp storiku tal-PE

Sa mill-ħolqien tiegħu, il-Parlament Ewropew żviluppa minn assemblea b’funzjoni purament konsultattiva għal parlament kompletament żviluppat li, mit-Trattat ta’ Lisbona, huwa koleġiżlatur ugwali daqs il-Kunsill.

Meta l-predeċessur tal-PE (l-Assemblea Komuni tal-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar) inħoloq fl-1952, ma kienx jissejjaħ “Parlament”, ma kellux kompetenza leġiżlattiva u ma kienx elett b’mod dirett. Għal raġunijiet prattiċi kien jiltaqa’ fil-faċilitajiet eżistenti tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburg; arranġament li baqa’ għaddej sal-1999, meta l-PE daħal fil-bini (attwali) tiegħu.

It-Trattat ta’ Ruma b’mod formali ta lill-Istati Membri l-kompetenza li jiddeterminaw l-ubikazzjoni tas-sede tal-istituzzjonijiet. Sal-1992, l-Istati Membri setgħu jaqblu biss dwar “is-siti preliminari tax-xogħol”. Għall-Parlament Ewropew feġġew l-għażliet tal-Belt tal-Lussemburgu, Strasburg u Brussell, minkejja r-rakkomandazzjoni tal-Parlament sa mill-bidu nett (21 ta’ Ġunju 1958) li għandu jkollu s-sit viċin il-Kunsill u l-Kummissjoni.

Ftit wara l-ewwel elezzjoni diretta tiegħu fl-1979, il-Parlament iddeċieda li jaġixxi dwar il-kwistjoni tas-sede u kkonċentra fuq is-sessjonijiet plenarji tiegħu fi Strasburg (li kienu jsiru qabel fil-Lussemburgu u Strasburg) u s-sessjonijiet tal-kumitati fi Brussell.

Minkejja dawn l-isforzi u l-oġġezzjonijiet tal-Parlament, l-Istati Membri qablu dwar is-siti tal-istituzzjonijiet u stabbilixxew l-istatus quo attwali matul is-Samit ta’ Edinburgh tal-1992. Id-deċiżjoni mbaġħad tpoġġiet fil-livell ta’ dritt primarju u ġiet annessa bħala l-Protokoll 6 u annessa mat-Trattat ta’ Amsterdam fl-1997

Fl-1999, 250 MEP (40 % ta’ dak iż-żmien) iffirmaw ittra li kkundannat l-arranġament. Fis-sena ta’ wara, ġiet adottata riżoluzzjoni b’401 vot favur u 77 biss kontra, li ssuġġeriet emenda għat-Trattati biex il-PE jingħata d-dritt li jiddeċiedi dwar is-sede tiegħu b’maġġoranza assoluta. Dan is-suġġeriment ġie injorat mill-Istati Membri waqt il-Konferenza Intergovernattiva li segwiet.

Minn dakinhar, il-PE, permezz ta’ rapporti u dikjarazzjonijiet numerużi, kif ukoll 1.27 miljun ċittadin Ewropew li ffirmaw petizzjoni, talab biex tinbidel is-sitwazzjoni attwali, mingħajr ebda reazzjoni mill-Istati Membri.

Sadanittant, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta’ Lisbona kien l-aħħar pass fit-trasformazzjoni kompleta tan-natura tal-PE li nbidel minn korp konsultattiv b’membri sekondati għal Parlament sovrani elett direttament, mogħni b’funzjonijiet leġiżlattivi u baġitarji u li huwa koleġiżlatur kompletament ugwali għall-Kunsill.

4. Il-PE għandu jingħata awtonomija ikbar fuq il-proċeduri tax-xogħol, il-kalendarju u

s-sede tiegħu stess

Meta titqies din iż-żieda fis-setgħa u r-responsabilità, ix-xogħol tal-Parlament inbidel b'mod pjuttost sinifikanti, b'mod partikolari peress li l-arranġamenti tal-kalendarju u tas-sede attwali ġew stabbiliti fl-1992.

Filwaqt li n-numru ta' sessjonijiet plenarji naqas kostantement mill-1999, il-piż tax-xogħol fil-kumitati żdied. In-numru tal-proċeduri ta' kodeċiżjoni (illum proċeduri leġiżlattivi ordinarji) żdied minn 165 matul il-leġiżlatura 1993-1999 għal 454 bejn 2004-2009.

Il-Parlament inbidel ukoll fid-daqs: minn 78 membru sekondarju għal 766 membru elett b'mod dirett illum. Bħala riflessjoni taż-żieda fl-attività leġiżlattiva u r-responsabilità, iż-żieda ta' 377 % fil-persunal statutorju fi Brussell mill-1993 sal-2013 (minn 1,180 għal 5,635) taqbeż ferm iż-żieda ta' 48 % fl-MEPs matul l-istess perjodu.

Ir-rwol li qed jinbidel tal-PE jinsab rifless ukoll fiż-żieda ta' 150 % tal-laqgħat interistituzzjonali (minn 16,000 fl-2009 għal tpassir ta' 40,000 fl-2013). Negożjati u trilogi kostanti, kemm formali kif ukoll informali, mal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri individwali huma issa parti mill-proċess leġiżlattiv ordinarju u wasslu għal żieda akuta fl-ammont ta' ftehimiet fl-ewwel qari, minn 28 % matul il-leġiżlatura 1999-2004 għal 72 % bejn 2004-2009. Il-prossimità ġeografika hija saħansitra iktar kruċjali meta titqies li ż-żieda fir-responsabilitajiet u s-setgħat tal-Parlament f'termini ta' kontroll demokratiku fuq istituzzjonijiet oħra tal-UE.

Taħt dawn il-kundizzjonijiet mibdula, l-istruttura tal-kalendarju tal-PE li hija eqdem minn bosta bidliet li saru fir-rwol tal-Parlament, m'għadhiex tikkorrispondi mal-ħtiġijiet ta' Parlament modern u għandha tiġi riveduta biex tkun iktar effettiva, flessibbli u iktar attraenti għall-MEPs.

Il-kontroparti tal-Parlament, il-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, diġà aġixxew u kkonċentraw xogħolhom fi Brussell. Il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li qabel kienu jsiru fil-pajjiż li f'dak iż-żmien ikollu l-presidenza issa jsiru esklussivament fi Brussell. Dan huwa partikolarment sinifikanti meta jitqies li n-numru ta' Summits żdied b'iktar mid-doppju mill-2008.

Id-distanza ġeografika bejn is-sedi uffiċjali tal-korpi koleġiżlattivi ta' 435 km hija unika fid-dinja. Iżda din ma tiżolax lill-PE mill-Kummissjoni u l-Kunsill biss, iżda wkoll minn partijiet interessati oħra, NGOs, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, rappreżentanti tal-Istati Membri u waħda mill-ikbar komunitajiet ġurnalistiċi internazzjonali li jinsabu kollha fi Brussell.

5. L-impatt finanzjarju, ambjentali, organizzazzjonali u loġistiku tal-arranġamenti attwali.

Fi żmien ta' awsterità baġitarja f'bosta Stati Membri, il-PE għandu jaġixxi b'mod korrispondenti u jelimina l-ħela fl-infiq. L-arranġament attwali tas-sedi tal-PE jikkostitwixxi qasam fejn huwa possibbli li jkun hemm iffrankar sostanzjali.

L-ispejjeż addizzjonali li jiġu mid-dispersjoni ġeografika tal-PE ġew stmati b'mod konservattiv li jilhqgħu bejn EUR 156 u EUR 204 miljun, jew bejn 10-20 % tal-baġit annwali tal-PE. Jekk il-Parlament inaqqas id-dispersjoni ġeografika tiegħu, jistgħu jiġu ffrankati l-ispejjeż ta' madwar 3,300 vjaġġ kull xahar. Dan ikun ekwivalenti għat-tnaqqis ta' 78 % tal-vjaġġi kollha tal-persunal statutorju tal-PE.

Meta jitqies it-trasport meħtieġ ta' madwar 5,000 MEP, persunal u uffiċjali, kif ukoll

tmien trakkijiet kbar b'dokumenti, għal kull sessjoni plenarja, l-arranġament attwali jikkawża spejjeż ambjentali, organizzazzjonali u loġistiċi li mhumiex meħtieġa; l-emissjonijiet CO₂ huma smati li jammontaw għal mill-inqas bejn 11,000 u 19,000 tunnellata. Għall-maġġoranza l-kbira li jivvjaġġaw minn Brussell għal Strasburgu, għurnata sħiħa ta' xogħol, jew madwar 5 % tal-ħin totali ta' xogħol, tintilef fi vjaġġar.

Għall-MEPs li jivvjaġġaw mill-kostitwenzi tagħhom lejn Strasburgu, in-numru żgħir ta' konnessjonijiet għal vjaġġi bl-ajru u bil-ferrovija meta mqabbel ma' Brussell jikkostitwixxi spejjeż addizzjoni, stress u ħin moħli fi tranżitu. In-numru iktar baxx ta' kmamar f' lukandi fi Strasburgu jfisser li l-prezzijiet jimmultiplikaw b' medja ta' 2.3 matul il-gimġhat tas-sessjoni.

Il-binjiet ta' Strasburgu tal-PE attwalment ma jintużax għal 89 % tal-ħin (jiġu użati għal 42 għurnata biss fis-sena), madankollu jeħtieġ li jissaħħnu, jimtlew bil-persunal u jinżammu fi stat tajjeb is-sena kollha. L-arranġamenti attwali ta' xogħol ifisser wkoll li s-766 MEP kollha u l-160 uffiċjal tal-Kummissjoni għandhom uffiċċju fi Brussell u ieħor fi Strasburgu. Madwar 150 uffiċjal tal-PE għandhom anke tliet uffiċċji: wieħed fil-Belt tal-Lussemburgu, wieħed fi Brussell u wieħed fi Strasburgu.

6. Pjan direzzjonali lejn bidla fit-Trattat

Il-qafas legali attwali li jirregola s-sedi tal-istituzzjonijiet tal-UE jimponi limitazzjonijiet organizzazzjonali fuq il-Parlament Ewropew li ma jippermettux struttura ta' xogħol moderna u effiċjenti, iffrankar sostanzjali fi żminijiet ta' awsterità u ma jippermettux eżerċizzju sħiħ u xieraq tal-funzjonijiet demokratiċi tal-Parlament. Il-kalendarju ma jistax jiġi adattat minħabba l-istruttura ġenerali tiegħu imposta mill-Protokoll 6.

Peress li l-PE eżawrixxa l-possibilitajiet kollha tiegħu ta' manuvra biex itejjeb ix-xogħlijiet interni u l-kalendarju tiegħu fi ħdan il-qafas legali attwali, ir-rapporteurs jissuġġerixxu li tinbeda proċedura ordinarja ta' reviżjoni tat-Trattat skont l-Artikolu 48 TUE biex jiġu emendati l-Artikolu 341 u l-Protokoll 6, sabiex il-Parlament jingħata d-dritt li jiddeċiedi b'mod awtonomu dwar l-organizzazzjoni interna tiegħu, il-kalendarju u konsegwentement il-kwistjoni tas-sede tiegħu.

Matul dan il-proċess, il-Parlament għandu jippermetti biżżejjed ħin għad-dibattitu, ir-riflessjoni u l-valutazzjoni xierqa tal-alternattivi kollha possibbli, segwiti minn implimentazzjoni tad-deċiżjoni bl-ordni. Fir-rigward tas-sedi tal-istituzzjonijiet l-oħra, ir-rapporteurs, għalkemm konxji mill-kuntest, ma jirrakkomandaw ebda tibdil.

Kwalunkwe soluzzjoni alternattiva għall-arranġament attwali li l-Parlament jista' jiddeċiedi dwarha għandha tqis l-impatt ekonomiku li għandu l-Parlament fuq is-siti differenti tiegħu tax-xogħol, is-sinifikat storiku li għandha l-għażla tas-sit tas-sede tal-PE, il-ftehim storiku bejn l-Istati Membri dwar is-sit tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, l-opinjoni tal-popolazzjonijiet lokali tal-ibliet kollha kkonċernati kif ukoll l-opinjoni taċ-Ċittadini Ewropej inġenerali.

27.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

GĦALL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI

dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
(2012/2308(INI))

Rapporteur: Alexander Alvaro

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-votazzjonijiet tiegħu biex jintemm it-tixrid tal-Parlament fi tliet postijiet tax-xogħol, pereżempju fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 – it-taqsimiet kollha¹ u f'dik tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2014 – taqsimiet oħra differenti mill-Kummissjoni², u fid-deċizzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I – Il-Parlament Ewropew³,
- A. billi l-Protokoll Nru 6 anness mat-Trattati jiddikjara li l-Parlament għandu s-sede tiegħu fi Strasburgu, filwaqt li l-kumitati tiegħu jiltaqgħu fi Brussell u li s-Segretarjat Ġenerali jibqa' fil-Lussemburgu;
- B. billi, sa mill-bidu tal-leġiżlatura attwali, kemm il-kumitati individwali u kemm il-plenarja għamlu diversi talbiet speċifiċi lill-amministrazzjoni tal-Parlament biex tipprovdi stimi komprensivi, dettaljati u affidabbli tal-ispejjeż addizzjonali relatati ma' kull wieħed mit-tliet postijiet tax-xogħol;
- C. billi l-istimi tal-Parlament għall-2014 juru baġit ġenerali ta' EUR 1 783 976 098, bi spejjeż direttament relatati mat-tixrid ġeografiku ta' bejn EUR 169 miljun u EUR 204 miljun fis-sena, u billi dan ġie kkonfermat mir-rapport tal-2012 tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits bi stima ta' EUR 148 miljun, ikkumplementata minn EUR

¹ Testi adottati, P7_TA(2012)0359.

² Testi adottati, P7_TA(2013)0048.

³ Testi adottati, P7_TA(2012)0155.

28.3 miljun fi spejjeż annwali ta' amortizzament għall-bini fi Strasburgu, li għandhom jitqiesu wara x-xiri ta' dan il-bini; billi l-Parlament m'għandux ċifri aġġornati oħra għall-ispejjeż imġarrba minn kull wieħed mill-postijiet tax-xogħol tiegħu, hlied għal studju ipotetiku tas-Segretarju Ġenerali dwar l-ispiża tal-amalgamazzjoni tal-postijiet tax-xogħol tal-Parlament, b'rispons min-naħa tas-Segretarju Ġenerali fit-30 ta' Awwissu 2013 għat-talbiet li saru f'paragrafu 10 tar-risoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2014 u b'elenkar tal-ispejjeż addizzjonali tas-sede ta' Strasburgu, bi stima ta' EUR 103 miljuni, li jwasslu għal total ta' EUR 156 miljun meta kkumplimentati bl-istess stimi ta' amortizzament u ta' erjas mhux użati bħal dawk tar-rapport tal-2012 tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt; billi ċ-ċifri pprovduti fir-rapport tas-Segretarju Ġenerali lill-Bureau ta' Settembru 2012 huma l-aħħar stimi tal-ispejjeż ġenerali disponibbli u dan ir-rapport ġie kkonfermat mir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt tal-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits dwar il-baġit tal-Parlament għall-2012, meta ġew kkumplimentati l-istimi mal-ispejjeż annwali ta' amortizzament għax-xiri ta' bini;

- D. billi l-ħin utilizzat fl-2011 minħabba l-vjaġġi ta' kull xahar involuti fis-sessjonijiet plenarji parzjali ta' erbat ijiem kien ta' 69 562 jum għall-uffiċjali u aġenti oħra u ta' 31 316-il jum għall-assistenti parlamentari akkreditati, u dan ġie jiswa EUR 16 652 490 għall-uffiċjali u aġenti oħra u EUR 5 944 724 għall-assistenti parlamentari akkreditati;
- E. billi dawn iċ-ċifri ma jurux l-ispejjeż imġarrba mill-persunal minn istituzzjonijiet oħra tal-UE li jattendu s-sessjonijiet parzjali, u lanqas ma jinkludu l-ivvjaġġar ta' persunal ta' grupp politiku jew spejjeż oħra mġarrba b'mod indirett mill-persunal, bħat-telf ta' ħin tax-xogħol, pagamenti relatati għal sahra u differenzi potenzjali fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-MPE (li laħqu total ta' EUR 72 103 309 fl-2012);
- F. billi risposta li nġhatat lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit bi tħejjija għall-kwittanza tal-PE għall-2011 ma tipprovdix stimi dwar l-iffrankar potenzjali, iżda biss stima parzjali tal-ispejjeż addizzjonali tas-sede ta' Strasburgu; billi din l-istima ta' EUR 55 miljun ma tinkludix ħafna linji tal-baġit li ġew inklużi fl-istimi ta' qabel u dawk sussegwenti, jiġifieri l-ispiża tal-ipproċessar tad-data, it-tagħmir u l-proprjetà mobbli, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' gruppi politiċi kif ukoll kwalunkwe ffrankar potenzjali marbut mal-ħin mitluf fl-ivvjaġġar (total ta' EUR 68 miljun); billi ċ-ċifri f'din l-istima huma iktar baxxi fuq diversi linji tal-baġit minn stimi kemm ta' qabel kif ukoll dawk sussegwenti mingħajr ma hija pprovduta ġustifikazzjoni (total ta' EUR 25 miljun);
- G. billi l-ebda waħda minn dawn l-istimi ma tinkludi spejjeż addizzjonali tat-tixrid ġeografiku tal-Parlament għall-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-Kunsill, ir-rappreżentazzjonijiet, il-ġurnalisti u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Istati Membri tal-UE;
- H. billi l-impatt ekonomiku tal-Parlament fuq il-belt u r-reġjun ta' Strasburgu huwa baxx meta mqabbel ma' korpi Ewropej oħrajn b'persunal permanenti hemmhekk, b'kontribut ta' 223 impjegat meta mqabbel ma' kważi 3000 impjegat permanenti tal-Kunsill tal-Ewropa u 4000 impjegat ieħor mal-Eurocorps, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Arte u diplomatiċi, li jissarraf fi EUR 17-il miljun mill-preżenza tas-sede tal-Parlament fi Strasburgu u mal-EUR 400 miljun mill-korpi l-oħrajn¹ li jikkontribwixxu b'mod regolari u

¹ Impatt ekonomiku tal-preżenza tal-istituzzjonijiet Ewropej fi Strasburgu, CityConsult Médiascopie Grupp

permanenti għall-ekonomija lokali;

- I. billi l-Artikolu 341 TFUE u l-Protokoll Nru 6 anness mat-Trattati jistabbilixxu li s-sede tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandha tiġi stabbilita bi qbil komuni mill-gvernijiet tal-Istati Membri, li l-Parlament għandu jkollu s-sede tiegħu fi Strasburgu fejn għandhom isiru 12-il perjodu ta' sessjonijiet plenarji ta' kull xahar, inkluża s-sessjoni tal-baġit, li l-perjodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali għandhom isiru fi Brussell, li l-kumitati tiegħu għandhom jiltaqgħu fi Brussell, u li s-Segretarjat Ġenerali u d-dipartimenti tiegħu għandhom jibqgħu fil-Lussemburgu;
- J. billi tliet kwarti tal-Membri jemmnu li l-Parlament għandu jidentifika ffrankar strutturali sinifikanti u li dan jista' jintlaħaq permezz tal-valutazzjoni mill-ġdid tat-tixrid ġeografiku tal-postijiet tax-xogħol tiegħu, murija permezz tat-tqassim tal-ispejjeż ta' Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu stabbiliti f'format trasparenti u kredibbli skont l-istandards mistennija ta' korp pubbliku kbir;
- K. billi r-raġunijiet storiċi għall-korpi Ewropej bħall-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kunsill tal-Ewropa li għandhom is-sede tagħhom b'mod permanenti fi Strasburgu huma magħrufa sew, u filwaqt li l-Assemblea Ewropea/Parlament Ewropew għall-konvenjenza użaw inizjalment il-Kamra tal-Kunsill tal-Ewropa, l-għażla ta' Brussell bħala s-sede tal-Kummissjoni Ewropea u n-NATO tirrifletti l-aspirazzjoni tal-UE lejn kontinent magħqud b'mod progressiv fil-prosperità u s-sigurtà;
- L. billi l-fatt li l-koleġiżlaturi tal-UE jkun jinstabu f'post wieħed ma jdgħajjifx it-tradizzjoni tal-poliċentriżmu, li jikkostitwixxi parti importanti mill-proġett Ewropew, iżda jissarraf l-effiċjenza u kisbiet tat-trasparenza sinifikanti għaċ-ċittadini tal-UE;
- M. billi matul is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini huwa xieraq li mhux biss jintwera li l-voċi tagħhom qed tinstema iżda li r-rappreżentanti tagħhom eletti b'mod dirett qegħdin jieħdu azzjoni f'isimhom sabiex itemmu l-ivvjaġġar ta' kull xahar bejn il-postijiet tax-xogħol tal-Parlament;
- N. billi l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jagħmlu dak kollu possibbli biex iżidu l-integrazzjoni politika Ewropea u jagħlqu d-distanza perċepita bejnhom u bejn iċ-ċittadini billi jindirizzaw din il-kwistjoni strutturali kbira li qed taffetwahom u għandhom għaldaqstant jipromwovu l-fehim, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-koerenza Ewropea billi jkollhom il-korpi tal-UE li jieħdu d-deċiżjonijiet f'post wieħed;
- O. billi, f'haġna Stati Membri, is-sede tal-parlament nazzjonali hija stabbilita jew fil-Kostituzzjoni jew permezz tal-liġi, u billi l-Parlament Ewropew huwa koleġiżlatur tal-liġi Ewropea u jista', skont l-Artikolu 48 TUE, iressaq emendi għat-Trattati;
- P. billi 6 % tal-baġit tal-UE huwa maħsub għal skopijiet amministrattivi u billi l-Unjoni Ewropea, b'baġit operattiv relattivament żgħir għal 500 miljun abitant, għandha tkun ta' eżempju f'dawn iż-żminijiet ta' kriżi billi tissimplifika kemm jista' jkun il-baġit tagħha stess mingħajr preġudizzju għall-funzjonament adegwat tal-Parlament Ewropew, filwaqt li

EDR, Jannar 2011.

jitqies li l-kisbiet fl-effiċjenza minħabba l-fatt li jkun hemm sede waħda ma jistgħux jiġu injorati;

1. Jitlob lill-amministrazzjoni tiegħu twettaq analiżi oġġettiva tal-ispejjeż iġġenerati minn kull post tax-xogħol, inkluża s-sede tal-Parlament; jenfasizza li din l-analiżi għandha tkun relatata mal-ispejjeż strutturali kemm għall-perjodu attwali u kemm għal dawk tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss (il-bini, il-manutenzjoni u t-tiswija, is-sigurtà, l-assigurazzjoni, l-enerġija, l-ivvjaġġar, il-loġistika, eċċ);
2. Jistieden lis-servizzi rilevanti tiegħu jagħmlu valutazzjoni tal-ftehim bejn l-awtoritajiet fil-Lussemburgu u l-Parlament Ewropew, speċjalment dwar id-dispożizzjonijiet relatati man-numru ta' persunal li jrid ikun preżenti fil-Lussemburgu, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-Parlament; jikkunsidra li din l-valutazzjoni għandha tinkludi analiżi u paraguni dwar l-iktar sit kosteffiċjenti għas-servizzi tal-Parlament, minħabba li l-Parlament jista' jibbenefika milli jkollu fit minn dawn esternalizzati mis-sit prinċipali tiegħu;
3. Iqis li, filwaqt li s-sit tas-sede tal-istituzzjonijiet tal-UE huma stabbiliti fit-Trattati, l-Artikolu 48 TUE jipprevedi wkoll it-tressiq ta' proposti sabiex jiġu emendati t-Trattati;
4. Itenni t-talba tiegħu, kif iddikjarat fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, sabiex l-Istati Membri jirrevedu l-kwistjoni tas-sede tal-Parlament u l-postijiet tax-xogħol fir-reviżjoni li jmiss tat-Trattat billi jiġi emendat il-Protokoll Nru 6.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 -: 15 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, Isabelle Durant, James Elles, Eider Gardiazábal Rubial, Ingeborg Gräßle, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Claudio Morganti, Jan Mulder, Andrej Plenković, Dominique Riquet, Oleg Valjalo, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Jürgen Klute, Peter Šťastný, Theodor Dumitru Stolojan, Catherine Trautmann
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Elisabeth Jeggle, Astrid Lulling, Hans-Peter Mayer, Maurice Ponga, Sabine Verheyen

23.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-PETIZZJONIJIET

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
(2012/2308(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Giles Chichester

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

- wara li kkunsidra l-laqgħa ta' Edimburgu tal-Kunsill Ewropew tal-11 u s-12 ta' Diċembru 1992,
- A. billi tressqu sitt petizzjonijiet li jirrikjedu li l-post tal-ħidma tal-Parlament Ewropew ma jibqax f'aktar minn post wieħed; u billi wħada minn dawn il-petizzjonijiet (0630/2006) tiġbor il-firem ta' aktar minn miljun ċittadin tal-UE;
- B. billi fi żmien ta' kriżi, il-Parlament Ewropew, immexxi mill-prinċipju tas-solidarjetà maċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, għandu jiffoka aktar l-isforzi tiegħu fuq l-iffrankar li għandu jkun hemm fis-settur amministrattiv;
- C. billi sa mill-2006 t-tentattivi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li din il-kwistjoni titqies fuq livell parlamentari għadhom ma rnexxewx minkejja interess wiesa' fil-kwestjoni fost iċ-ċittadini Ewropej u l-MPE; u billi l-assenza ta' dibattitu miftuħ tistona mal-valuri li jmissu jħaddnu l-Parlament Ewropew;
- D. billi l-MPE talbu ripetutament lill-Amministrazzjoni tal-Parlament tikkommissjona sħarriġ tal-Eurobarometer li jistaqsi liċ-ċittadini Ewropej għall-opinjoni tagħhom dwar l-arranġament ta' Parlament maqsum f'żewġ sedi;
- 1. Jilqa' d-deċiżjoni mill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali li jitfassal rapport dwar il-lokalità tas-sedi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea; jaqbel mal-prinċipju li l-Parlament

Ewropew ikun aktar effettiv, kosteffikaċi u rispettuż tal-ambjent jekk is-sede tkun f'post wieħed; u jinnota li l-kontinwazzjoni tal-migrazzjoni ta' kull xahar bejn Brussell u Strasburgu saret kwestjoni simbolika negattiva fost bosta ċittadini tal-UE li hu ta' detriment għar-reputazzjoni tal-Unjoni Ewropea, l-aktar fi żmien meta l-kriżi finanzjarja wasslet għal qtugħ gravi u li jweġġa' fl-infiq tal-Istati Membri;

2. Jinnota barra minn hekk li jistgħu jiġu ffrankati aktar flus fil-baġit tal-Parlament Ewropew jekk jitnaqqas il-għadd ta' laqgħat tal-kumitati, gruppi u delegazzjonijiet li jsir barra mill-postijiet uffiċjali ta' xogħol tal-Parlament;
3. Jitlob lill-Amministrazzjoni biex tippovdi analiżi komprensiva tal-iffrankar potenzjali għall-baġit tagħna jekk il-Parlament ikollu post tax-xogħol wieħed, fi Brussell; jitlob li din l-analiżi tinkludi l-aspetti baġitarji u l-ispejjeż anċillari bħall-iffrankar li jsir b'riżultat tat-telf tal-ħin tax-xogħol u tal-effiċjenza;
4. Jirrispetta r-raġunijiet storiċi għall-ubikazzjoni tas-sessjonijiet plenarji tiegħu fi Strasburgu u r-rekwiżiti tat-Trattat li jinneċessitaw is-sistema bi tliet postijiet tal-ħidma; madankollu jinsisti li l-arranġament ta' bħalissa ma jistax ikompli għal dejjem, hu insostenibbli u li l-Parlament innifsu għandu jkun kapaċi jiddibatti u ddikjara preferenza għall-futur tiegħu, inlinja mal-prinċipji demokratiċi;
5. Jitlob lis-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew jagħmlu valutazzjoni tal-ftehim bejn l-awtoritajiet fil-Lussemburgu u l-Parlament Ewropew, dwar in-numru ta' persunal li jrid ikun preżenti fil-Lussemburgu, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni reviżjoni ta' ħtiġiet il-Parlament; din il-valutazzjoni għandha tinkludi suġġerimenti dwar kif jiġi negożjat mill-ġdid dan il-ftehim, bla ħsara lejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi;
6. Jitlob lill-Amministrazzjoni tal-Parlament tikkummissjona lill-Eurobarometer jew servizz simili jmessi, sal-1 ta' Jannar 2014, sħarriġ tal-opinjoni ta' ċittadini tal-UE dwar iż-żamma tal-arranġament tax-xogħol tal-Parlament maqsum f'żewġ sedi, filwaqt li jagħmel riferiment speċifiku għall-kostijiet finanzjarji, ambjentali u ta' effiċjenza ta' dan l-arranġament;
7. Jistieden lill-Parlament jiddibatti u jesprimi fehmto dwar jekk l-arranġament ta' bħalissa għandux jissokta; u jekk ikun reġistrat vot ta' maġġoranza xierqa, jirrakkomanda li l-Parlament jibda proċedura ta' reviżjoni tat-Trattat skont l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond storiku u legali

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Edimburgu li saret f'Diċembru 1992, il-kapijiet ta' gvern tal-Istati Membri ddeċidew dwar fejn ikunu s-sedi tal-istituzzjonijiet tal-UE. Fir-rigward tal-Parlament Ewropew ġie ddikjarat li:

'Il-Parlament Ewropew ikollu s-sede tiegħu fi Strasburgu, fejn isiru t-tmax-il perijodu tas-sessjoni plenarji ta' kull xahar, inkluża s-sessjoni tal-baġit. Il-perijodi ta' sessjonijiet plenarji addizzjonali jsiru fi Brussell. Il-Kumitati tal-Parlament Ewropew jiltaqgħu fi Brussell. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew u d-dipartimenti tiegħu jibqgħu fil-Lussemburgu.'

L-Istati Membri naqqxu d-deċiżjoni ta' Edimburgu fil-Protokoll Nru 6 tat-Trattat ta' Amsterdam tal-1997.

Is-setgħat tal-Parlament Ewropew żdiedu b' mod sinifikanti matul is-snin, primarjament mit-Trattat ta' Lisbona 'l hawn li daħal fis-seħħ fl-2009. Bħal ħafna parlamenti, f'bosta aspetti huwa għandu s-setgħa li jiddeċiedi l-arranġamenti tal-operat tiegħu stess. Madankollu, id-deċiżjoni ta' Edimburgu/Protokoll Nru 6 tillimita s-setgħat tiegħu biex jiddeċiedi meta u fejn jiltaqa'.

Il-bidla fis-sedi uffiċjali tal-Parlament u l-possibilità li l-Parlament ikollu s-setgħa sħiħa li jiddetermina fejn u meta jiltaqa' teħtieġ bidla fit-Trattat u tista' tinkiseb biss b'konsens unanimu tal-Istati Membri kollha. Dan ġie kkonfermat dan l-aħħar minn sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fi kwistjoni separata iżda relatata – il-kawża C-237-11.

Il-Membri tal-Parlament Ewropew jistgħu jiddeċiedu li jużaw is-setgħat il-ġodda tagħhom, skont l-Artikolu 48 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, biex formalment jipproponu lill-Istati Membri bidliet fit-Trattat jekk dawn jonqsu milli jieħdu azzjoni f'dan ir-rigward.

Petizzjonijiet li waslu għand il-Kumitat

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI) f'dan l-aħħar snin irċieva 7 petizzjonijiet marbuta mas-suġġett tas-sedi tal-PE. Apparti waħda, kollha jappoġġaw l-idea ta' sede waħdanija għall-istituzzjonijiet tal-UE.

Waħda minn dawn il-petizzjonijiet irnexxielha tiġbor għadd kbir ta' firem u ta' min wieħed jagħtiha attenzjoni.

Fl-2006 Cecilia Malmström (li dak iż-żmien kienet MPE Liberali Svediż u issa hija l-Kummissarju tal-UE għall-Affarijiet Interni), nediet petizzjoni onlajn (petizzjoni numru 630-2006) li titlob għal Sede Waħdanija għall-Parlament Ewropew, fi Brussell.

Din il-kampanja s'issa gābret 1.3 miljun firma minn ċittadini Ewropej – aktar mill-għadd ta' firem attwalment meħtieġa għal Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej formali.

Din il-kwistjoni ġiet indirizzata mill-Kumitat PETI fi Frar 2008 fil-preżenza ta' bosta petizzjonanti. Wara ntbagħtet ittra lill-President tal-Parlament għal kunsiderazzjoni mill-Bureau bħala l-organu parlamentari responsabbli għal kwistjonijiet marbuta mal-funzjonament tal-istituzzjoni. Tressqu mistoqsija orali u abbozz ta' riżoluzzjoni għal Mejju 2008 iżda l-Konferenza tal-Presidenti ma tatx l-approvazzjoni tagħha u minflok talbet li l-President tal-Parlament Ewropew jikteb lill-Istati Membri.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 7 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Margrete Auken, Heinz K. Becker, Victor Boştinaru, Philippe Boulland, Michael Cashman, Giles Chichester, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, Carlos José Iturgaiz Angulo, Peter Jahr, Lena Kolarska-Bobińska, Miguel Angel Martínez Martínez, Erminia Mazzoni, Edward McMillan-Scott, Jaroslav Paška, Nicole Sinclair, Jarosław Leszek Wałęsa, Angelika Werthmann, Tatjana Ždanoka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Birgit Collin-Langen, Vicente Miguel Garcés Ramón, Norica Nicolai, Ioannis A. Tsoukalas, Axel Voss
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Francisco José Millán Mon

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	14.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alfredo Antoniozzi, Andrew Henry William Brons, Zdravka Bušić, Carlo Casini, Andrew Duff, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Zita Gurmai, Gerald Häfner, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Morten Messerschmidt, Sandra Petrović Jakovina, Paulo Rangel, Algirdas Saudargas, Søren Bo Søndergaard, Rafał Trzaskowski, Luis Yáñez-Barnuevo García
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elmar Brok, David Campbell Bannerman, Dimitrios Droutsas, Isabelle Durant, Marietta Giannakou, Andrej Plenković
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Edward McMillan-Scott, Elisabeth Morin-Chartier, Catherine Trautmann